



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.1.2021  
COM(2021) 3 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**IT-TIENI PERSPETTIVA DWAR L-ARJA NADIFA**

## IT-TIENI PERSPETTIVA DWAR L-ARJA NADIFA

### 1. INTRODUZZJONI

Kif imsemmi fil-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>1</sup>, il-ħolqien ta' ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi jeħtieġ iktar azzjoni għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni ta' tniġġis u miżuri biex dan jitnaddaf u jiġi rimedjat. Sabiex tippoteġi liċ-ċittadini u lill-ekosistemi naturali tal-Ewropa, l-UE trid tissorvelja, tirrapporta, tipprevjeni u tirrimedja aħjar it-tniġġis tal-arja, l-ilma, il-ħamrija u l-prodotti tal-konsumatur. Dan se jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Ir-“Rapport tal-2020 dwar il-kwalità tal-arja fl-Ewropa” tal-EEA ppubblikat f'Novembru 2020 juri li, għalkemm l-emissjonijiet ta' ħafna mill-inkwinanti tal-arja naqsu fl-UE f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin (ara l-Illustrazzjoni 1), it-tniġġis tal-arja għadu problema sinifikanti. It-tniġġis tal-arja b'mod ġenerali huwa responsabbli għal madwar 400 000 mewta prematura fl-UE kull sena u għall-fatt li madwar żewġ terzi taż-żona tal-ekosistemi fl-UE jiġu esposti għall-ewtrofikkazzjoni<sup>2</sup>. It-tniġġis tal-arja jinvolvi wkoll kostijiet ekonomiċi konsiderevoli billi jġib miegħu żieda fl-ispejjeż mediċi, tnaqqis fil-produttività, pereżempju permezz ta' ġranet ta' xogħol mitlufin, u tnaqqis fir-rendiment agrikolu.

L-UE ilha taħdem għal għexieren ta' snin biex ittejjeb il-kwalità tal-arja billi tikkontrolla l-emissjonijiet ta' sustanzi ta' ħsara fl-atmosfera u billi tintegra r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali fis-settur tat-trasport, tal-industrija, tal-enerġija, tal-agrikoltura u tal-bini. L-għan huwa li t-tniġġis tal-arja jitnaqqas għal livelli li jimminimizzaw l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent madwar l-UE.

L-approċċ tal-UE għat-tiġib tal-kwalità tal-arja huwa bbażat fuq tliet pilastri. L-ewwel pilastru jinkludi l-istandards tal-kwalità tal-arja ambjentali stabbiliti fid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali għall-ożonu troposferiku, il-materja partikolata, l-ossidi tan-nitroġenu, il-metalli tqal perikolużi u għadd ta' sustanzi li jniġġsu oħrajn<sup>3</sup>. Jekk jinqabżu l-valuri ta' limitu stabbiliti, l-Istati Membri huma meħtieġa jadottaw pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja li jagħtu dettalji dwar miżuri biex il-perjodu li matulhom jinqabżu l-valuri limitu jkun qasir kemm jista' jkun.

---

<sup>1</sup> COM (2019) 640

<sup>2</sup> Ir-Rapport tal-2020 dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA): l-EEA tuża metodoloġija kemxejn differenti minn dik użata għal din il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa biex tistma l-għadd ta' mwiet prematuri. Id-differenzi ewlenin huma spjegati fil-Kaxxa 1. L-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi permezz tal-ewtrofikkazzjoni huwa stmat skont it-“tagħbija kritika”. Għal aktar informazzjoni, ara wkoll it-Taqsima 4.3 ta' hawn taħt.

<sup>3</sup> Id-Direttivi 2004/107/KE u 2008/50/KE.

It-tieni pilastru jikkonsisti fl-obbligi nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Impenji Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet (Direttiva NEC)<sup>4</sup> għas-sustanzi li jniġġsu l-arja transfruntiera l-aktar importanti: diossidi tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonijaka, komposti organiċi volatili mhux metaniċi u materja partikolata. L-Istati Membri kellhom jiżviluppaw programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja (NAPCPs) sal-2019 u jippreżentaw il-miżuri li se jimplementaw biex jikkonformaw mal-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

It-tielet pilastru jinkludi standards ta' emissjonijiet għal sorsi ewlenin ta' tniġġis, minn emissjonijiet ta' vetturi u bastimenti sa dawk tas-setturi tal-enerġija u tal-industrija. Dawn l-istandards huma stabbiliti fil-livell tal-UE f'leġislazzjoni apposta.

Din it-tieni edizzjoni tal-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa tivvaluta l-prospetti għall-ilħuq tal-oġġettivi tad-Direttiva NEC għall-2030 u lil hinn minnha, filwaqt li tqis l-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġġettiv tal-Programm tal-Arja Nadifa<sup>5</sup> li sal-2030, l-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa jitnaqqas bin-nofs, meta mqabbel mal-2005. Din it-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa taġġorna l-analiżi u l-konklużjonijiet tal-ewwel perspettiva ppubblikata fl-2018<sup>6</sup>, filwaqt li tqis l-għadd kbir ta' żviluppi li jirriżultaw mid-Direttiva NEC u minn leġislazzjoni u politiki rilevanti oħrajn. Din l-edizzjoni turi wkoll l-impatt tal-politika dwar it-tibdil fil-klima fuq l-ilħuq ta' dawn l-oġġettivi u tinnota li l-ilħuq tal-mira klimatika għall-2030 se jagħti kontribut deċiżiv biex l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa jitnaqqas bin-nofs sal-2030.

It-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa tikkomplimenta l-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva NEC ippublikat f'Ġunju 2020<sup>7</sup>, billi tipprova valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni tal-evoluzzjoni probabbli tat-tniġġis tal-arja u kemm dan huwa probabbli li jkun 'il bogħod mill-obbligi tat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja tal-2030. Is-sejbiet se jinformat il-pjan ta' azzjoni dwar tniġġis żero li ġej tal-2021<sup>8</sup>, li għandu l-għan li jqiegħed lill-UE fit-triq lejn tniġġis żero u ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi, kif imħabbar fil-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>9</sup>. Fl-aħħar nett, din l-edizzjoni tivvaluta l-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi; flimkien mal-monitoraġġ tal-ekosistemi meħtieġ mid-Direttiva NEC, din se tipprova kontribut għall-analiżi li tinfed l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-bijodiversità<sup>10</sup>, peress li t-tniġġis tal-arja huwa fattur importanti tat-telf tal-bijodiversità.

---

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi ("Direttiva NEC").

<sup>5</sup> COM (2013) 918

<sup>6</sup> COM (2018) 446

<sup>7</sup> COM (2020) 266

<sup>8</sup> Ara "Roadmap for an EU Action Plan Towards a Zero Pollution Ambition for air, water and soil"

(<https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12588-EU-Action-Plan-Towards-a-Zero-Pollution-Ambition-for-air-water-and-soil>).

<sup>9</sup> Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar l-oġġettiv ġenerali li "jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-UE, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent". It-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa tipprova wkoll kontribut lejn dan l-oġġettiv.

<sup>10</sup> COM/2020/380


L-analiżi li saret għal din il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa sa issa ma setgħetx tinkorpora l-impatt fuq sustanzi li jniġġsu l-arja minn tnaqqis ipproġettat fl-attività ekonomika minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-impatti fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu ma kinux ugwali matul il-perjodi ta' lockdown u li l-emissjonijiet ġenerali jistgħu jerġgħu lura għal-livelli preċedenti meta l-ekonomija tirkupra<sup>11</sup>.

## 2. L-ISTAT TAL-EMISSIONIJET TAS-SUSTANZI LI JNIĠĠSU L-ARJA U TAL-KWALITÀ TAL-ARJA U L-PROGRESS LEJN IL-KONFORMITÀ

### 2.1. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-EMISSIONIJET TA' SUSTANZI LI JNIĠĠSU L-ARJA U TAL-KWALITÀ TAL-ARJA

Mill-2005 (is-sena bażi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont id-Direttiva NEC) u anke qabel, l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja fl-UE naqsu b'mod sinifikanti bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali<sup>12</sup>. Fil-fatt, mill-2000 il-PDG tal-UE kiber b'madwar 30 % filwaqt li l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja ewlenin naqsu b'10 % għal 70 %, skont is-sustanza li tniġġes<sup>13</sup>.

### Illustrazzjoni 1: Żvilupp fl-emissjonijiet tal-EU-28, 2000-2018 (bħala % tal-livelli tal-2005) (Sors: EEA)



<sup>11</sup> Ara pereżempju OECD/Unjoni Ewropea (2020), Health at a Glance: Europe 2020: State of Health in the EU Cycle, OECD Publishing, Pariġi, <https://doi.org/10.1787/82129230-en>; Ir-Rapport tal-2020 dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

<sup>12</sup> Ara EEA NEC Directive emissions data viewer 1990-2018(<https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/dashboards/necd-directive-data-viewer-3>).

<sup>13</sup> Ir-Rapport tal-2020 dwar il-Kwalità tal-Arja tal-EEA.

Din ix-xejra ta' tnaqqis għandha tinżamm permezz ta' sforzi kontinwi, b'mod partikolari għal dawk is-sustanzi li jniġġsu li wrew tnaqqis iżgħar. Pereżempju, l-emissjonijiet tal-ammonijaka laħqu livell li ma nbidilx mill-2005 u saħansitra żdiedu f'dawn l-aħħar snin f'xi Stati Membri.

Minkejja dan it-tnaqqis ġenerali fl-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-kwalità tal-ħajja f'ċerti hotspots għadha mxekkla, peress li l-istandards tal-kwalità tal-arja għadhom ma ntlaħqux. Is-sitwazzjoni hija partikolarment gravi fiż-żoni urbani, fejn jgħixu l-maġġoranza tal-Ewropej. Wisq ċittadini tal-UE għadhom esposti għal konċentrazzjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja 'l fuq mil-limitu jew mill-valuri fil-mira stabbiliti fid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, u saħansitra aktar minnhom huma esposti għal livelli oġhla minn dawk rakkomandati mil-Linji Gwida dwar il-Kwalità tal-Arja tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Fl-2018, madwar 4 % tal-popolazzjoni urbana tal-EU-28 kienet esposta għal livelli ta' PM<sub>2.5</sub> oġhla mill-valur ta' limitu annwali tal-UE, filwaqt li 70 % kienu esposti għal konċentrazzjonijiet li jaqbżu l-valuri tal-Linji Gwida tal-Kwalità tal-Arja tal-WHO<sup>14</sup>.

It-tniġġis tal-arja għadu l-akbar riskju għas-saħħa ambjentali fl-UE<sup>15</sup>, huwa l-kawża ta' mard kroniku u serju bħall-ażma, problemi kardjovaskulari u l-kanċer tal-pulmun<sup>16</sup>, u tħassib ewlieni dwar is-saħħa u l-ambjent għaċ-ċittadini tal-UE<sup>17</sup>. Il-gruppi ta' status soċjoekonomiku aktar baxx, l-anzjani, it-tfal, u dawk bi problemi ta' saħħa għandhom it-tendenza li jkunu affettwati b'mod aktar negattiv mit-tniġġis tal-arja milli tiġi affettwata l-popolazzjoni ġenerali<sup>18</sup>.

## 2.2. PROGRESS LEJN IL-KONFORMITÀ

Filwaqt li l-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont id-Direttiva NEC bdew japplikaw fl-2020, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-NEC wera li kważi l-Istati Membri kollha għandhom bżonn immedjat u sostanzjali li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' mill-inqas uħud mis-sustanzi li jniġġsu sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-ammonijaka. Dan jidher ukoll fl-analiżi tad-differenza bejn l-aħħar emissjonijiet irrapportati (li jikkorrispondu għas-sena 2018) u l-livell ta' emissjonijiet permess mid-Direttiva NEC għall-perjodu 2020-29<sup>19</sup>, li turi li ħafna Stati Membri għandhom

<sup>14</sup> Ir-Rapport tal-2020 dwar il-Kwalità tal-Arja tal-EEA.

<sup>15</sup> 'Healthy Environment, Healthy Lives', Rapport tal-EEA Nru 21/2019.

<sup>16</sup> Pereżempju ara: OECD/Unjoni Ewropea (2020), "Health at a Glance: Europe 2020: State of Health in the EU Cycle", OECD Publishing, Pariġi, <https://doi.org/10.1787/82129230-en>.

<sup>17</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2017). L-Ewrobarometru Speċjali 468: "L-attitudnijiet taċ-ċittadini Ewropej lejn l-ambjent".

<sup>18</sup> "Unequal exposure and unequal impacts: social vulnerability to air pollution, noise and extreme temperatures in Europe", Rapport tal-EEA Nru 22/2018; "Employment and Social Developments in Europe 2019"

<sup>19</sup> EEA National Emission reduction Commitments Directive reporting status 2020 (<https://www.eea.europa.eu/publications/national-emission-reduction-commitments-directive>).

bżonn inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'sa 10 % f'inqas minn sentejn<sup>20</sup>. Għall-PM<sub>2.5</sub> u l-NO<sub>x</sub>, sitt<sup>21</sup> u ħames<sup>22</sup> Stati Membri rispettivament se jkollhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'sa 30 % jew aktar.

L-Istati Membri se jkollhom iżidu l-isforzi tagħhom saħansitra aktar biex jikkonformaw mal-obbligi aktar ambizzjużi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030 skont id-Direttiva NEC. Meta mqabbla mal-livelli ta' emissjonijiet tagħhom għall-2018, ħames Stati Membri<sup>23</sup> se jkollhom inaqqsu bin-nofs l-emissjonijiet tagħhom tal-PM<sub>2.5</sub> u 15-il Stat Membru<sup>24</sup> se jkollhom inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' NO<sub>x</sub> b'aktar minn 30 % meta mqabbla mal-2018; barra minn hekk, 15 u 13-il Stat Membru rispettivament se jkollhom inaqqsu l-emissjonijiet tal-NMVOC<sup>25</sup> u tal-ammonijaka<sup>26</sup> tagħhom b'sa 30 % jew aktar. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-passi li jmiss tal-implimentazzjoni tad-Direttiva NEC u se tkompli tappoġġa l-isforzi ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri, iżda se tagħmel użu wkoll mis-setgħat legali tagħha biex tiżgura li l-leġislazzjoni tiġi infurzata.

Fir-rigward tal-kwalità tal-arja, kien hemm titjib sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin, iżda għad hemm problemi kbar fejn jinqabżu l-valuri limitu tal-kwalità tal-arja tal-UE skont id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali. Għall-2019, 23 Stat Membru rrapportaw li kienu qabżu l-valuri limitu għal minn tal-inqas standard wieħed tal-kwalità tal-arja, għal tal-inqas sustanza li tniġġes waħda, f'mill-inqas post wieħed – dan jinkludi 17-il Stat Membru fejn inqabżu l-valuri limitu tal-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE għall-NO<sub>2</sub>, 14-il Stat Membru fejn inqabżu l-valuri limitu għall-PM<sub>10</sub>, erba' Stati Membri fejn inqabżu l-valuri limitu għall-PM<sub>2.5</sub> u Stat Membru wieħed għall-SO<sub>2</sub>.

Mill-1 ta' Diċembru 2020, għadhom għaddejjin total ta' 31 każ ta' ksur kontra 18-il Stat Membru minħabba li nqabżu l-livelli limitu ta' konċentrazzjoni ta' PM<sub>10</sub>, PM<sub>2.5</sub>, NO<sub>2</sub> jew SO<sub>2</sub> jew għal monitoraġġ difettuż. Għaxra minn dawn il-każijiet ġew riferuti lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li minnhom, ħames każijiet irċevew deċiżjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Arja Aktar Nadifa għal Kulħadd" f'Mejju 2018, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza ta' infurzar kontinwu<sup>27</sup>.

### 2.3. IS-SEGWITU GĦALL-KONTROLL TAL-IDONEITÀ TAD-DIRETTIVI DWAR IL-KWALITÀ TAL-ARJA AMBJENTALI

<sup>20</sup> 10 Stati Membri għall-ammonijaka (l-Awstrija, Ċipru, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, Spanja, l-Iżvezja), sitta għan-NO<sub>x</sub> (id-Danimarka, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, Malta, l-Iżvezja), erbgħa għall-PM<sub>2.5</sub> (il-Finlandja, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja), erbgħa għan-NMVOC (il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Litwanja) u tnejn għall-SO<sub>2</sub> (il-Litwanja, il-Polonja).

<sup>21</sup> Il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Ungerija, ir-Rumanija.

<sup>22</sup> Ċipru, il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija.

<sup>23</sup> Ċipru, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija.

<sup>24</sup> L-Awstrija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, l-Iżvezja.

<sup>25</sup> Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja.

<sup>26</sup> L-Awstrija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja.

<sup>27</sup> COM (2018) 330 final

F'Novembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultati ta' kontroll tal-idoneità taż-żewġ Direttivi tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali<sup>28</sup>. Hija kkonkludiet li, minkejja li l-istandards tal-kwalità tal-arja tal-UE kienu strumentali biex tiġi xprunata tendenza 'l isfel fil-qabżiet tal-valuri limitu u l-esponiment tal-popolazzjoni għall-qabżiet, f'ċerti każijiet għad fadal wisq biex jintlaħqu l-istandards tal-kwalità tal-arja. Ikkonkludiet ukoll li għal diversi sustanzi li jniġġsu l-istandards attwali tal-kwalità tal-arja mhumiex ambizzjużi daqs ir-rakkomandazzjonijiet tal-WHO<sup>29</sup>, speċjalment għall-materja partikolata fina (PM<sub>2.5</sub>). Sussegwentement, il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar li l-Kummissjoni se tuża t-tagħlimiet miksuba mill-kontroll tal-idoneità u se tipproponi b'mod partikolari li tirrevedi l-istandards tal-kwalità tal-arja biex tallinjahom aktar mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet tal-WHO. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ, il-mudellar u l-panijiet dwar il-kwalità tal-arja biex tgħin lill-awtoritajiet lokali jkollhom arja aktar nadifa<sup>30</sup>.

### **3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA NEC U TA' LEĠIŻLAZZJONI TA' APPOĠĠ TAL-UE**

#### **3.1. BIDLIET FIL-LEĠIŻLAZZJONI LI JIKKONTRIBWIXXU GĦAL ARJA NADIFA**

Seħħew diversi bidliet fil-politika u fil-leġiżlazzjoni minn meta ġiet ippubblikata l-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa. B'mod partikolari, il-livell ta' ambizzjoni fil-għieda kontra t-tibdil fil-klima żdied mad-dħul fis-seħħ ta' objettivi ogħla f'Diċembru 2018<sup>31</sup>. Waħda mill-konklużjonijiet tal-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa, li skontha s-sinerġiji bejn il-politiki dwar l-arja u l-klima jagħmlu l-ilħuq tal-objettivi taż-żewġ politiki aktar faċli, tapplika saħansitra aktar issa. Madankollu, biex fil-fatt dawn il-benefiċċji jimmaterjalizzaw ruħhom, il-leġiżlazzjoni trid tiġi implimentata fil-ħin. Ġiet adottata wkoll leġiżlazzjoni addizzjonali tal-UE li tillimita s-sustanzi li jniġġsu l-arja fis-sors tagħhom, bħall-istandards Euro 6 għal vetturi li jaħdmu bid-diżil.

Barra minn hekk, f'April 2019, l-Istati Membri kellhom jissottomettu l-NAPCPs tagħhom għall-ewwel darba, fejn iddeskrivew il-politiki u l-miżuri li beħsiebhom idaħħlu fis-seħħ biex jissodisfaw l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont id-Direttiva NEC. Il-qafas tal-immudellar li jirfed l-analiżi f'din il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa jinkorpora kemm jista'

<sup>28</sup> SWD (2019) 427 final

<sup>29</sup> Il-Linji Gwida tal-WHO bħalissa qed jiġu riveduti u l-Kummissjoni qed issegwi dan mill-qrib.

<sup>30</sup> Għal aktar informazzjoni, ara: <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12677-Revision-of-EU-Ambient-Air-Quality-legislation>

<sup>31</sup> F'Diċembru 2018, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (UE) 2018/2002 u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli 2018/2001/UE riformulata t-tnejn daħlu fis-seħħ, u rispettivament stabbilixxew il-miri tal-UE għall-2030 ta' mill-inqas 32,5 % għall-effiċjenza fl-enerġija (meta mqabbla mal-projezzjonijiet tal-użu mistenni tal-enerġija fl-2030) u ta' mill-inqas 32 % għall-enerġija rinnovabbli; dawn il-miri kienu parti mix-xenarju għall-klima fl-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa u issa huma parti mil-linja bażi fit-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa, li għalhekk tinkludi wkoll tnaqqis ta' gassijiet serra ta' madwar 40 % fl-2030 meta mqabbla mal-2005.

jkun dawn il-politiki u l-miżuri; madankollu, il-livell ta' dettall tagħhom ivarja ħafna bejn l-Istati Membri, u f'xi każijiet jipprevjeni l-inklużjoni tagħhom fl-analiżi kwantitattiva<sup>32</sup>.

Iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika għal tnaqqis tal-gassijiet serra b'55 % sal-2030<sup>33</sup> ippreżentata mill-Kummissjoni fl-2020, li għadha soġġetta għal negozjati interistituzzjonali, mhijiex parti mil-linja bażi fl-analiżi għat-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa iżda hija riflessa bħala xenarju ta' politika.

### 3.2. PROSPETTI GĦALL-KISBA TAL-IMPENJI GĦAT-TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET FID-DIRETTIVA NEC GĦALL-2030 U LIL HINN MINNHA

F'Diċembru 2018, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jilhqqu l-miri tal-klima u tal-enerġija għall-2030<sup>34</sup>, li jeħtieġu li jiġu implimentati politiki u miżuri xierqa. B'dawk il-miżuri u bl-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti li tindirizza t-tniġġis tal-arja mis-sors tagħha, it-tnaqqis fl-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li jniġġsu l-arja meħtieġ mid-Direttiva NEC madwar l-UE għandu jiġi ssodisfat għall-perjodu mill-2030 'il quddiem, ħlief għall-ammonijaka. Madankollu, dan jaħbi d-differenzi bejn l-Istati Membri fl-ilħuq tal-impenji nazzjonali tagħhom.

L-impenn ta' tnaqqis ta' SO<sub>2</sub> għall-2030 jinkiseb mill-Istati Membri kollha ħlief wieħed<sup>35</sup> jekk il-leġiżlazzjoni eżistenti kollha tiġi implimentata bis-sħiħ. Il-miżuri mħabbra fl-NAPCPs jiffaċilitaw dan l-ilħuq. Għal NO<sub>x</sub>, PM<sub>2.5</sub> u NMVOC, żewġ Stati Membri<sup>36</sup> jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom anke bil-miżuri mħabbra fl-NAPCPs tagħhom u għalhekk ikollhom bżonn jintroduċu aktar miżuri. Ikun hemm problema kbira għall-ammonijaka, fejn il-leġiżlazzjoni eżistenti ma tkunx biżżejjed biex jintlaħqu l-impenji ta' tnaqqis tal-2030 għal 22 Stat Membru<sup>37</sup>. Minkejja li l-Istati Membri ħabbru fl-NAPCPs tagħhom li se jdaħħlu fis-seħħ miżuri addizzjonali biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka, dawn xorta ma jkunux biżżejjed għal 15-il Stat Membru<sup>38</sup> biex jilhqqu l-impenji tagħhom tal-2030 dwar l-ammonijaka.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri jridu jimplimentaw bis-sħiħ u mill-aktar fis possibbli l-leġiżlazzjoni eżistenti u l-miżuri kollha li huma ħabbru. Għall-15-il Stat Membru li għalihom l-impenn tal-ammonijaka se jgħaliq problemi anke jekk jintroduċu l-miżuri ppjanati fl-NAPCPs tagħhom, jeħtieġ li jiġu żviluppjati miżuri ulterjuri b'urġenza. Dan huwa meħtieġ ukoll mid-Direttiva NEC jekk Stat Membru ikun previst li mhuwiex se jilħaq wieħed mill-impenji tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

<sup>32</sup> Għad-dettalji, ara r-rapport tal-IIASA: "Support to the development of the Second Clean Air Outlook":

[https://ec.europa.eu/environment/air/clean\\_air/outlook.htm](https://ec.europa.eu/environment/air/clean_air/outlook.htm)

<sup>33</sup> COM/2020/562 final

<sup>34</sup> Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 24.

<sup>35</sup> Is-Slovenja.

<sup>36</sup> Iċ-Ċekja u l-Lussemburgu għall-NO<sub>x</sub>; Il-Ġermanja u n-Netherlands għall-PM<sub>2.5</sub>; L-Irlanda u l-Lussemburgu għall-NMVOC.

<sup>37</sup> L-Istati Membri kollha minbarra l-Greċja, Malta, in-Netherlands, is-Slovakkja u s-Slovenja.

<sup>38</sup> L-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Iżvezja.



L-eżerċizzju ta' mmudellar skont din il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa identifika l-aktar miżuri kosteffettivi għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja li jippermettu lill-Istati Membri kollha jissodisfaw l-impenji tagħhom skont id-Direttiva NEC, anke mingħajr ma jitqiesu s-sinerġiji possibbli ma' miżuri klimatiċi. Għall-SO<sub>2</sub>, PM<sub>2.5</sub> u NO<sub>x</sub>, huma relatati l-aktar ma' miżuri fil-proċessi industrijali u fil-kombustjoni industrijali. Sabiex jitnaqqas l-NMVOC, il-maġġoranza l-kbira tal-miżuri kosteffiċjenti jindirizzaw l-emissjonijiet mill-ħruq tal-bijomassa għat-tisħin domestiku u, sa ċertu punt, mill-użu tas-solventi. Il-miżuri li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka bl-aktar mod kosteffiċjenti huma kollha relatati mal-agrikoltura u huma, fil-biċċa l-kbira tagħhom, relatati mal-prattiki tal-għalf tal-annimali, mal-ġestjoni tad-demel u mal-użu tal-fertilizzanti<sup>39</sup>.

#### 4. PROSPETTI GĦALL-ILĦUQ TA' OBJETTIVI FIT-TUL

Fir-rigward tal-għan li sal-2030, l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa jitnaqqsu bin-nofs meta mqabbel mal-2005, l-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa kkonkludiet li dan l-impatt (espress f'għadd ta' mwiet prematuri minħabba t-tniġġis tal-arja) fil-fatt jitnaqqas b'aktar minn 50 % sal-2030 jekk l-Istati Membri jimplimentaw il-leġislazzjoni kollha adottata bejn l-2014 u l-2017 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja; din l-analiżi qieset ukoll l-effetti tal-miżuri li jistgħu jindirizzaw diversi sustanzi li jniġġsu simultanament. Madankollu, l-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa kienet inqas pożittiva fir-rigward tal-impatti fuq l-ekosistemi, billi l-ebda waħda mill-miżuri l-ġodda li ġew stabbiliti bejn l-2014 u l-2017 ma indirizzat l-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura, is-sors primarju tat-tniġġis tal-arja li jaffettwa l-ekosistemi<sup>40</sup>.

Il-metodoloġija użata għat-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa tqis l-iżviluppi tal-politika u dawk leġislattivi mill-2018 (dwar il-politika tal-UE dwar il-klima u l-kontroll addizzjonali tat-tniġġis) u l-informazzjoni (bħal inventarji aħjar tal-emissjonijiet, u fehim aħjar tal-impatt tal-emissjonijiet fuq is-saħħa u l-valur ekonomiku tagħhom) li ma kinux inklużi fl-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa<sup>41</sup>. Bħala konsegwenza, mhuwiex possibbli li jsir paragun dirett bejn ir-riżultati taż-żewġ rapporti tal-Perspettivi. Madankollu, għadu utli li jiġu vvalutati l-aktar riżultati reċenti fl-ilħuq tal-objettivi tal-programm tal-arja nadifa u li tinstilet konklużjoni dwar il-progress li sar fuq dik il-bażi.

##### 4.1. KONĊENTRAZZJONI FL-ISFOND TAS-SUSTANZI LI JNIĠĠSU

Jekk l-Istati Membri jimplimentaw il-leġislazzjoni settorjali kollha eżistenti li tirregola t-tniġġis tal-arja u l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi u tal-enerġija għall-2030 kif miftiehem f'Diċembru 2018, l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja jitnaqqsu bizzżejjed biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva NEC fil-livell tal-UE fl-2030 għas-sustanzi kollha li jniġġsu minbarra l-ammonijaka. Barra minn hekk, l-ebda żona ta' ġestjoni tal-kwalità tal-arja

<sup>39</sup> Ara r-rapport tal-IIASA għal aktar dettalji.

<sup>40</sup> L-ammonijaka hija wkoll prekursor għall-PM<sub>2.5</sub> sekondarju, li huwa ta' ħsara għas-saħħa.

<sup>41</sup> Ara r-rapport tal-IIASA għad-dettalji

ma taqbeż il-25 mikrogramma/m<sup>3</sup> ta' PM<sub>2.5</sub>, f'konċentrazzjoni fl-isfond<sup>42</sup>; fl-2019, kien hemm 14-il żona b'hal din f'erba' Stati Membri.


L-għadd ta' żoni li għalihom il-livelli ta' konċentrazzjoni ta' sfond ikkalkulati tal-PM<sub>2.5</sub> ikunu konformi mal-Linji Gwida attwali tal-WHO ta' 10 µg/m<sup>3</sup> huwa mistenni li jiżdied minn 41 % taż-żoni kollha fl-2015 għal 90 % fl-2030, għal darba oħra jekk wieħed jassumi li l-leġislazzjoni eżistenti kollha tiġi implimentata bis-sħiħ. Jekk jiġu implimentati l-miżuri kollha ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja teknikament fattibbli, dan il-proporzjon jiżdied għal 98 %. L-aktar sitwazzjoni ambizzjuża f'termini kemm tal-politika dwar l-arja kif ukoll ta' dik dwar il-klima (li tinvolvi bidliet fl-istil tal-ħajja biex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima u l-introduzzjoni tal-miżuri kollha li huma teknikament possibbli biex jittaffa t-tniġġis tal-arja) iġġib il-konċentrazzjonijiet fl-isfond fiż-żoni kollha taħt il-valur attwali tal-Linji Gwida tal-WHO fl-2050.

Din ix-xejra tista' tidher ukoll fl-esponiment li qed jevolvi tal-popolazzjoni tal-UE għat-tniġġis tal-arja. Il-proporzjon tal-popolazzjoni tal-UE li tgħix f'żoni b'konċentrazzjoni ta' PM<sub>2.5</sub> fl-isfond taħt il-valur tal-Linji Gwida tal-WHO ta' 10 µg/m<sup>3</sup> jikber aktar mid-doppju bejn l-2015 u l-2030 jekk jiġu implimentati l-liġijiet kollha adottati dwar l-arja nadifa u l-klima (Illustrazzjoni 2). Madankollu, dan kieku xorta jħalli 12 % tal-popolazzjoni tal-UE fl-2030 esposta għal livelli ta' materja partikolata fina oġhla mill-valur tal-Linji Gwida tal-WHO. Bl-aktar politika ambizzjuża dwar l-arja nadifa (bil-miżuri kollha ta' mitigazzjoni teknikament fattibbli fis-seħħ), dan il-valur jitnaqqas għal 4 %. Dan il-valur li jifdal huwa dovut għat-tniġġis tal-arja li joriġina minn barra l-UE (pajjiżi ġirien u tbaħħir internazzjonali) u ta' oriġini naturali. Madankollu, dawn ix-xejriet pożittivi għandhom x'jaqsmu biss mal-konċentrazzjoni fl-isfond u ma jinkludux hotspots possibbli ta' tniġġis, inklużi dawk fejn it-tniġġis huwa oġhla mill-valuri rakkomandati tal-WHO, li xorta jridu jiġu indirizzati.

## **Illustrazzjoni 2: Id-distribuzzjoni tal-esponiment tal-popolazzjoni għall-PM<sub>2.5</sub> għal xenarji ewlenin, EU-27 (Sors: IIASA)**

---

<sup>42</sup> 25 mikrogramma/m<sup>3</sup> jikkorrispondu għall-valur limitu tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, li tirreferi għall-konċentrazzjoni ġenerali, filwaqt li r-riżultati ppreżentati hawnhekk jirreferu biss għall-konċentrazzjoni fl-isfond u ma jinkludux l-emissjonijiet fil-hotspots lokali.



Nota: MTR tfisser “Miżuri għat-Tnaqqis Massimu Teknikament Fattibbli tat-Tniġġis tal-Arja”.

#### 4.2. IMPATTI FUQ IS-SAĦĦA

L-imwiet prematuri minħabba l-PM<sub>2.5</sub> huma mbassra li jonqsu b’madwar 55 % bejn l-2005 u l-2030 jekk il-politiki kollha li l-Istati Membri diġà qablu dwarhom jiġu implimentati bis-sħiħ<sup>43</sup>; dan jimplika tnaqqis ta’ 28 % fl-għadd stmat ta’ dawn l-imwiet prematuri bejn l-2020 u l-2030. Il-miżuri mħabbra fl-NAPCPs jaċċelleraw dan it-tnaqqis bejn l-2020 u l-2030, u jiksibu tnaqqis ta’ 31 %. Jekk jiġu stabbiliti miżuri massimi għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja<sup>44</sup>, l-imwiet prematuri jinżlu b’44 % bejn l-2020 u l-2030. Madankollu, dan xorta jħalli aktar minn 130 000 mewta prematura fis-sena fl-UE minħabba t-tniġġis tal-PM<sub>2.5</sub> waħdu.


Meta wieħed iħares lejn il-kwistjoni mill-perspettiva tan-numru ta’ snin ta’ ħajja mitlufin minħabba t-tniġġis tal-PM<sub>2.5</sub>, l-istampa ġenerali tibqa’ l-istess (ara l-illustrazzjoni 3).

<sup>43</sup> Biex tinżamm il-konsistenza mal-kalkoli preċedenti għal bidla bħal din, dawn il-kalkoli jitwettqu billi l-popolazzjoni tinżamm kostanti fil-livell tagħha tal-2010. Madankollu, dan ma jsirx fl-istimi tal-benefiċċji ekonomiċi u tas-saħħa, li jużaw projezzjonijiet ta’ data futura dwar il-popolazzjoni għall-Istati Membri għal aktar akkuratizza.

<sup>44</sup> Xenarju massimu teknikament fattibbli.

Minbarra l-kobenefiċċji importanti mill-miżuri klimatiċi, huma mistennija wkoll benefiċċji sinifikanti minn miżuri addizzjonali għal arja nadifa.

**Illustrazzjoni 3: Snin ta' ħajja mitlufin minħabba esponiment għall-PM<sub>2.5</sub> fl-EU-27 (Sors: IIASA)<sup>45</sup>**



L-implimentazzjoni tal-politiki u tal-miżuri mħabbra mill-Istati Membri fl-NAPCPs tagħhom tiġġenera kostijiet stmati ta' madwar EUR 1,4 biljun fis-sena fl-UE (għal miżuri ppreżentati b'biżżejjed dettall fl-NAPCPs u li għalihom jista' jiġi attribwit kost). Madankollu, iż-żieda fil-benefiċċji tas-saħħa (kemm f'termini ta' mortalità kif ukoll f'ta' morbidità mnaqqsa) jaqbżu l-kostijiet miżjuda fil-każijiet kollha li ġew analizzati (ara t-Taqsima 4.4 għal aktar dettalji dwar l-impatti ekonomiċi). Il-benefiċċji għas-saħħa li jirriżultaw mill-miżuri tal-NAPCP<sup>46</sup>

<sup>45</sup> “linja bażi CAO2” tikkorrispondi għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kollha adottata sal-2018; “Tnaqqis potenzjali minn miżuri klimatiċi addizzjonali” jikkorrispondi għas-sitwazzjoni bl-aktar emissjonijiet baxxi ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fost ix-xenarji fit-tul għall-klima li biex tinkiseb ekonomija dekarbonizzata sal-2050; “Tnaqqis potenzjali minn kontrolli addizzjonali tat-tniġġis tal-arja” jikkorrispondi għat-tnaqqis massimu teknikament fattibbli tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (MTFR).

<sup>46</sup> Mill-ġdid, bl-avvertenza li mhux il-miżuri kollha jistgħu jiġu mmudellati minħabba nuqqas ta' dettalji f'xi NAPCPs.

jammontaw għal bejn EUR 8 biljun u EUR 43 biljun fis-sena għall-UE<sup>47</sup>; għalhekk hemm vantaġġ ġenerali għas-soċjetà fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

***Kaxxa 1: Il-metodoloġija għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa***

*Din l-analiżi tibni fuq ir-riċerka dwar l-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa mill-WHO (Riskji għas-Saħħa li jiġu mit-Tniġġis tal-Arja fl-Ewropa - HRAPIE). Dawn huma stimi konservattivi, peress li s-sejbiet minn letteratura epidemjoloġika ġdida saru disponibbli minn mindu ġiet ippubblikata l-HRAPIE (fl-2013), li juru l-effetti ta' firxa usa' ta' impatti fuq is-saħħa kkawżati mit-tniġġis tal-arja (pereżempju effetti usa' ta' partikoli ultrafini). Il-metodoloġija użata għall-valutazzjoni tal-impatti fuq is-saħħa f'dan ir-rapport tvarja sa ċertu punt minn dik użata mill-EEA; dan jikkonċerna primarjament il-granularità tad-data sottostanti dwar il-kwalità tal-arja u l-livell li fih il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu jibdwu ikollhom impatt fuq is-saħħa. F'termini ta' tqegħid ta' valur fuq l-impatti fuq is-saħħa, id-data użata hawnhekk ġiet aġġornata mill-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa fir-rigward tas-sena li fiha ġew espressi l-prezzijiet (2015, minflok 2005 fl-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa). Din l-analiżi tipprova wkoll valutazzjoni aktar aġġornata tal-ħajja, tas-snin tal-ħajja mitlufin u tal-morbidity, bl-użu ta' data tal-OECD u ta'sorsi oħrajn. Għalhekk, in-numri ppreżentati hawn ma jistgħux jitqabblu direttament ma' dawk irrapportati mill-EEA, u lanqas ma' dawk ippreżentati fl-Ewwel Perspettiva dwar l-Arja Nadifa għal dawn ir-raġunijiet metodoloġiċi kollha Madankollu in-numri iipprova*

#### 4.3. L-IMPATTI FUQ L-EKOSISTEMI

It-titjib reċenti f'termini tal-impatt tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi<sup>48</sup> huwa mistenni li jkompli fil-futur fix-xenarji kollha. Madankollu, minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, is-sitwazzjoni għadha preokkupanti, peress li l-livelli tad-depożiti tan-nitroġenu għadhom ferm ogħla minn tagħbijiet kritiċi<sup>49</sup> u jheddu l-bijodiversità, speċjalment fiż-żoni tan-Natura 2000. Bil-leġiżlazzjoni kollha adottata implimentata, iż-żoni tan-Natura 2000 li jaqbz u t-tagħbijiet

<sup>47</sup> Il-firxa hija minħabba d-diversi metodi ta' valutazzjoni u l-firxa tal-impatti fuq is-saħħa li ġew inklużi.


<sup>48</sup> Minħabba l-karatteristiċi tal-mudell, f'din l-analiżi huma inklużi biss l-ekosistemi terrestri.

<sup>49</sup> Dan it-terminu jiddeskrivi l-kapaċità tal-ekosistema li tassorbi s-sustanzi li jniġġsu tan-nitroġenu li jikkawżaw l-ewtrofikazzjoni (jew sustanzi li jniġġsu aċidifikanti, fil-każ ta' aċidifikazzjoni) iddepożitati mill-atmosfera mingħajr ma jikkawżaw effetti negattivi għall-ambjent naturali (EEA, ir-Rapport tal-2020 dwar il-Kwalità tal-Arja).

kritiċi għall-ewtrofikazzjoni se jonqsu bi 8 % bejn l-2020 u l-2030; bil-miżuri kollha mħabbra mill-Istati Membri fl-NAPCPs tagħhom implimentati wkoll, it-tnaqqis ikun ta' 15 %. Madankollu, dan xorta jħalli aktar minn nofs (58 %) taż-żoni tan-Natura 2000 taħt it-theddida tal-ewtrofikazzjoni. Jekk il-miżuri kollha ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja li huma teknikament fattibbli jiġu implimentati, dan il-proporzjon jinżel għal 46 % fl-2030, u dan juri l-potenzjal konsiderevoli għal titjib (ara l-Illustrazzjoni 4).

It-tniġġis tal-arja għandu impatt fuq l-ekosistemi kollha, inklużi l-għelejjel agrikoli u l-foresti, u dawn kollha jibbenefikaw bil-kbir minn tnaqqis fit-tniġġis tal-arja, permezz tat-tnaqqis tal-ewtrofikazzjoni, tal-aċidifikazzjoni u tal-fluss żejjed tal-ożonu. Għal dan it-theddid kollu, il-kombinazzjoni ta' miżuri għal arja nadifa u miżuri tal-enerġija u klimatiċi jipprovdu l-akbar benefiċċji fl-2050.

**Illustrazzjoni 4: Iż-żona tal-ekosistemi terrestri (1 000 km<sup>2</sup>) fejn id-depożiti tan-nitroġenu jaqsbu t-tagħbijiet kritiċi għall-ewtrofikazzjoni, EU-27 (Sors: IIASA)<sup>50</sup>**



<sup>50</sup> Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 47 għad-diskalkija tal-graff.

#### 4.4. L-IMPATTI EKONOMIĊI

Filwaqt li t-tniġġis tal-arja jagħmel ħsara diretta lis-saħħa tal-bniedem u għandu impatt negattiv fuq l-għelejjel agrikoli, fuq ir-rendiment tal-foresti, fuq l-ekosistemi u fuq il-bini, għandu wkoll impatt indirett fuq l-ekonomija, pereżempju permezz tat-telf ta' jiem tax-xogħol minħabba saħħa aktar dgħajfa. Fil-każijiet kollha li ġew analizzati, miżuri addizzjonali biex jitnaqqas it-tniġġis dejjem iġibu gwadann nett għas-soċjetà, bil-benefiċċji ta' arja aktar nadifa dejjem ikunu aktar importanti mill-kostijiet ta' dawn il-miżuri. L-Illustrazzjoni 5 turi li l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-NAPCP waħedha twassal għal madwar EUR 7 biljun fis-sena fl-2030 ta' benefiċċji netti addizzjonali<sup>51</sup> għall-UE. Jekk il-miżuri kollha li huma teknikament possibbli jiġu implimentati, dawn il-benefiċċji netti jistgħu jkunu madwar EUR 21 biljun fis-sena sal-2030. Il-mortalità evitata (stmata hawn permezz ta' impatti mnaqqsa tal-PM<sub>2.5</sub>) hija bil-bosta l-aktar benefiċċju importanti ta' miżuri għal arja nadifa, segwita mill-morbidità evitata. B'mod ġenerali, il-benefiċċji għas-saħħa huma oġġla fis-snin bikrin tal-implimentazzjoni iżda jibqgħu stabbli wara l-2030, filwaqt li l-kostijiet tal-miżuri jonqsu wara l-2030.

Miżuri aktar ambizzjużi dwar l-arja nadifa u klimatiċi jżidu l-benefiċċji netti għas-soċjetà fil-każijiet kollha analizzati. Jekk tiġi implimentata politika aktar ambizzjuża dwar il-klima (l-ilħuq tan-newtralità klimatika fl-2050), il-miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja ma jkollhom l-ebda kost meta mqabbla mal-linja bażi<sup>52</sup>. Dan l-iffrankar fil-kostijiet li jsir, flimkien mal-benefiċċji tas-suq ta' miżuri għal arja nadifa, għandu jagħti spinta lill-PDG tal-UE b'0,15 % fl-2050 fl-aħjar każ possibbli. F'każ bħal dan<sup>53</sup>, jekk jitqies ix-xogħol empiriku reċenti fuq iż-żidiet fil-produttività miksuba permezz ta' arja aktar nadifa<sup>54</sup>, il-PDG saħansitra jiżdied b'sa 1,3 % fl-2050 meta mqabbel mal-linja bażi.

#### **Illustrazzjoni 5: It-tibdil fil-benefiċċji netti ta' miżuri għal arja nadifa taħt diversi xenarji ta' politika dwar l-arja u l-klima meta mqabbel mal-linja bażi, f'EUR biljun fis-sena (EU-27), abbażi ta' valutazzjoni konservattiva tal-impatti kollha<sup>55</sup> (Sors: JRC, f'rapport ta' IIASA)**


<sup>51</sup> Il-benefiċċji netti jikkorrispondu għall-benefiċċji bil-kostijiet imnaqqsa minnhom.

<sup>52</sup> Ta' min jinnotta li l-kost tal-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima mhux inkluż f'din il-graff.

<sup>53</sup> Meta jiġu implimentati l-miżuri kollha teknikament fattibbli għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u t-tibdil fil-klima jinżamm taħt 1.5°C.

<sup>54</sup> Dechezleprêtre et al. (2019), The economic cost of air pollution: Evidence from Europe, Dokumenti ta' Ħidma tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD.

<sup>55</sup> Il-benefiċċji jidhru 'l fuq mill-assi-x, il-kostijiet huma taħt. "NAPCP" jirrappreżenta sitwazzjoni fejn il-miżuri kollha magħżulin għall-adozzjoni fl-NAPCPs iwasslu għal benefiċċji oħra apparti dawk mill-politiki diġà miftiehma; "MTFR tal-linja bażi" tirrappreżenta sitwazzjoni fejn il-miżuri għat-tnaqqis Massimu Teknikament Fattibbli tat-tniġġis tal-arja jwasslu għal benefiċċji oħra apparti dawk mill-politiki diġà miftiehma; "TECH+WAM" tirrappreżenta sitwazzjoni fejn il-miżuri tal-NAPCP jiżdiedu mal-mitigazzjoni ambizzjuża tat-tibdil fil-klima bbażata fuq għażliet teknoloġiċi; "LIFE+WAM" tirrappreżenta sitwazzjoni fejn il-miżuri tal-NAPCP jiżdiedu mal-mitigazzjoni ambizzjuża tat-tibdil fil-klima bbażata fuq l-ekonomija ċirkolari; "LIFE MTFR" tirrappreżenta sitwazzjoni fejn il-miżuri għat-tnaqqis Massimu Teknikament Fattibbli tat-tniġġis tal-arja jwasslu għal benefiċċji oħra apparti dawk mill-mitigazzjoni ambizzjuża tat-tibdil fil-klima bbażata fuq l-ekonomija ċirkolari. Dawn is-sitwazzjonijiet klimatiċi differenti huma deskritti f'aktar dettall fit-Taqsima 5.2.



## 5. INTERAZZJONIJIET MAL-POLITIKA DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA U DWAR IL-KLIMA

### 5.1. PROSPETTI GĦALL-EMISSJONIJIET TA' SUSTANZI INKWINANTI TA' ĦAJJA QASIRA (METAN U KARBONJU ISWED)

Il-metan u l-karbonju iswed jikkontribwixxu kemm għat-tniġġis tal-arja kif ukoll għat-tisħin globali. Il-metan mhuwiex biss gass b'effett serra qawwi ħafna iżda wkoll prekursor importanti għall-ożonu troposferiku, li huwa ta' ħsara kbira għas-saħħa. Il-karbonju iswed huwa komponent tal-materja partikolata, iżda huwa wkoll kontributor qawwi għat-tisħin tal-klima.

Bl-objettivi u bil-leġiżlazzjoni dwar l-arja, il-klima u l-enerġija (ix-xenarju bażi) adottati attwalment, l-emissjonijiet ikkalkolati tal-metan jonqsu b'madwar 20 % bejn l-2020 u l-2050, filwaqt li benefiċċji żgħir ħafna biss jirriżultaw f' dan ir-rigward mill-miżuri mħabbra mill-Istati Membri fl-NAPCPs tagħhom. Madankollu, biż-żieda fl-ambizzjoni klimatika proposta mill-Kummissjoni fl-2020<sup>56</sup>, it-tnaqqis se jilħaq l-44 % matul l-istess perjodu. Dan it-tnaqqis ma jqisx l-effett fuq l-azzjonijiet stipulati fl-istrateġija dwar il-metan li għet adottata dan l-aħħar<sup>57</sup>, li jkompli jsaħħaħ din ix-xejra ta' tnaqqis.

Għall-karbonju iswed, il-politiki eżistenti u, sa ċertu punt ferm inqas importanti, dawk imħabbra fl-NAPCPs, jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-UE b'madwar 80 % bejn l-2020 u l-2050. L-akbar tnaqqis tal-karbonju iswed jinkiseb meta l-miżuri għall-kontroll tal-

<sup>56</sup> COM(2020) 562 final

<sup>57</sup> COM(2020) 663 final; eżempji ta' azzjonijiet settorjali jkopru l-agrikoltura, l-enerġija, l-iskart u l-ilma mormi.



emissjonijiet fl-arja jiġu kkombinati ma' politiki dwar il-klima aktar ambizzjużi, li juru kif jistgħu jinkisbu sinerġiji permezz tal-miżuri biex jiġi indirizzat il-karbonju iswed.

## 5.2. IL-KOBENEFIĊĊJI U L-KOMPROMESSI BEJN IL-POLITIKI

Ġew analizzati diversi xenarji għall-klima fir-rigward tal-effetti tagħhom fuq it-tniġġis tal-arja fil-ħidma tal-immudellar li tinfed din il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa. Xi wħud minn dawn ix-xenarji huma bbażati fuq il-każijiet żviluppanti għall-"Viżjoni strateġika fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima" tal-Kummissjoni<sup>58</sup>; din għandha l-għan li tikseb ekonomija newtrali fil-karbonju sal-2050 permezz ta' diversi rotot, b'xenarju wieħed jiddependi fuq l-ekonomija ċirkolari u fuq bidliet fl-istil tal-ħajja<sup>59</sup> u ieħor jiddependi fuq soluzzjonijiet teknoloġiċi<sup>60</sup>. Xenarju ieħor jikkorrispondi mal-proposta l-ġdida għal tnaqqis ta' 55 % fil-gassijiet serra sal-2030<sup>61</sup>. Dan jippermetti li jiġu identifikati l-effetti ta' diversi azzjonijiet fil-livell tal-UE fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja għall-2030 u għall-2050.

L-Illustrazzjoni 6 turi li, fuq medda twila ta' żmien (2050), l-azzjonijiet biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima dejjem jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (l-iżgħar kontribut huwa relatat mal-PM<sub>2.5</sub> – ara l-Kaxxa 2 ta' hawn taħt għal xi spjegazzjonijiet possibbli). Ix-xenarju għall-klima li jirrifletti bidla lejn ekonomija ċirkolari u bidla fl-istil tal-ħajja huwa dak li jikkontribwixxi l-aktar għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

**Illustrazzjoni 6: Projezzjonijiet għall-emissjonijiet tas-sustanzi ewlenin li jniġġsu l-arja fl-EU-27 taħt xenarji varji u t-tnaqqis potenzjali massimu pprovdut mill-miżuri għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja u l-politiki dwar il-klima (Sors: IIASA)<sup>62</sup>**

---


<sup>58</sup> COM(2018)773 final

<sup>59</sup> Ix-xenarju "1.5 LIFE" jilħaq l-ambizzjoni ta' 1.5°C permezz ta' ekonomija aktar ċirkolari, dieti b'użu inqas intensiv tal-karbonju, ekonomija kollaborattiva, eċċ.

<sup>60</sup> Ix-xenarju "1.5 TECH" jilħaq l-ambizzjoni ta' 1.5°C permezz ta' għażliet teknoloġiċi. L-emissjonijiet li jifdal li ma jistgħux jiġu mitigati sal-2050 huma bbilanċjati mill-emissjonijiet negattivi permezz tal-użu tal-bijoenerġija assoċjata mal-qbid u l-ħżin tal-karbonju u l-bjar tal-LULUCF.

<sup>61</sup> COM(2020) 562 final

<sup>62</sup> Għad-didiskalija, ara n-nota f'qiegħ il-paġna 47



Kif jidher fit-Taqsima 4.4, il-kost tal-miżuri għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja ikun oġġla meta dawn jiġu introdotti waħedhom milli meta jiġu implimentati flimkien ma' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Huwa ċar li jeżistu miżuri li huma ta' benefiċċju għaż-żewġ politiki, u dawn jeħtieġ li jiġu promossi, filwaqt li l-miżuri li jwasslu għal kompromessi jenħtieġ li jiġu evitati. Miżuri biex jiżdied is-sehem ta' sorsi rinnovabbli mhux kombustibbli fil-konsum tal-enerġija, biex tittejjeb il-prestazzjoni enerġetika tal-bini u biex jiġu promossi soluzzjonijiet ta' tisħin u tkessiħ aktar sostenibbli u biex tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika b'mod ġenerali, kif ukoll miżuri li jappoġġaw it-trasport nadif, huma partikolarment ta' benefiċċju. Min-naħa l-oħra, miżuri li jżidu l-użu tal-bijoenerġija f'apparat

mingħajr teknoloġiji adegwati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet<sup>63</sup> huma ta' detriment għall-arja nadifa u jeħtieġ li jiġu evitati.

**Kaxxa 2:** *Analiżi tal-EEA tal-effetti taż-żieda fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fuq it-tniġġis tal-arja*

*L-EEA stmat l-impatt tal-konsum finali gross ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri. Is-sitwazzjoni fl-2017 hija mqabbla ma' sitwazzjoni ipotetika fejn il-konsum tal-enerġija rinnovabbli kien jibqa' fil-livell tiegħu tal-2005. Meta mqabbla ma' dik il-bażi, l-EEA tikkonkludi li l-konsum addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli madwar l-UE wassal għal tnaqqis ta' emissjonijiet ta' SO<sub>2</sub> u NO<sub>x</sub> b'6 % u b'1 % rispettivament fl-2017. B'kuntrast għal dan, dan wassal għal żieda fl-emissjonijiet tal-PM<sub>2.5</sub> u tal-NM<sub>VOC</sub> ta' 13 % u 4 % rispettivament, li hija stmata li seħħet fl-Istati Membri kollha ħlief f'wieħed (il-Portugall). L-EEA tispjega din iż-żieda relattiva biż-żieda fl-użu tal-bijoenerġija matul il-perjodu (li l-użu tagħha fil-fatt naqas b'mod konsiderevoli fil-Portugall mill-2005). Billi, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-bijomassa tintuża għat-tiġin domestiku, l-EEA tikkonkludi li dan x'aktarx li wassal għal żidiet fil-konċentrazzjonijiet tal-PM<sub>2.5</sub>.*

Sors: EEA, Renewable energy in Europe 2019 - Recent growth and knock-on effects (<https://www.eionet.europa.eu/etcs/etc-cme/products/etc-cme-reports/renewable-energy-in-europe-2019-recent-growth-and-knock-on-effects>).

## 6. DIMENSIJONI TRANSFRUNTIERA U INTERNAZZJONALI

L-analiżi li saret biex tappoġġa din il-Perspettiva dwar l-Arja Nadifa turi li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, kontribuzzjoni sinifikanti għall-konċentrazzjoni fl-isfond tal-PM<sub>2.5</sub> tiġi minn Stati Membri oħrajn, minbarra kontribuzzjonijiet domestiċi diġà sinifikanti. Dan jirrifletti n-natura transfruntiera tat-tniġġis tal-arja, u jiġġustifika azzjoni fuq livell tal-UE f'dan is-settur. Hija ssaħħaħ l-idea li l-Istati Membri kollha jridu jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' sustanzi li jniġġsu l-arja skont l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva NEC, sabiex l-isforzi konġunti tagħhom fil-livell nazzjonali jkunu ta' benefiċċju għal kulħadd. L-analizzijiet kost-benefiċċji nazzjonali tal-miżuri għal arja nadifa jenħtieġ li jqisu l-effetti kollaterali pożittivi tagħhom f'pajjiżi ġirien.

Barra minn hekk, l-analiżi turi li l-kontribuzzjonijiet għall-konċentrazzjoni fl-isfond tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu wkoll minn pajjiżi mhux tal-UE, f'livelli differenti skont is-sitwazzjoni ġeografika tal-Istati Membri. Dan jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiegħu azzjoni aktar

<sup>63</sup> Madankollu, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tal-Ekodisinn għall-bojlers tal-fjuwil solidu u għall-ħiters tal-post lokali tal-fjuwils solidi jistabbilixxu limiti għat-tniġġis tal-arja għal tagħmir tal-bijomassa.

b'saħħitha bilateralment (b'mod partikolari fil-kuntest tal-politiki tal-adeżjoni u tal-viceinat<sup>64</sup> iżda wkoll billi tibni sħubijiet internazzjonali aktar b'saħħithom) u f'fora internazzjonali bħall-Konvenzjoni dwar l-Arja tal-UNECE<sup>65</sup>. Ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Arja mill-partijiet kollha, b'mod partikolari mill-pajjiżi fil-Viċinat tal-Lvant li għadhom ma għamlux dan, hija prijorità ewlenija. Pass ewlieni lejn l-ilħuq ta' dan l-oġġettiv huwa r-ratifika mill-Istati Membri kollha tal-Protokoll emendat ta' Gothenburg għall-Konvenzjoni dwar l-Arja<sup>66</sup>, kif ukoll tal-Protokoll emendati dwar il-Metalli Tqal u Sustanzi Organiċi li Jniġġsu Persistenti.

Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, is-sehem ewlieni tal-isforz biex titnaqqas il-konċentrazzjoni fl-isfond tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġi mill-azzjoni domestika ta' kull Stat Membru billi jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom stess. Dan is-sehem huwa ħafna drabi ogħla fl-akbar Stati Membri, fejn mill-inqas nofs l-isforz irid jiġi mit-tnaqqis tal-emissjonijiet domestiċi. Stati Membri iżgħar u aktar iżolati jistgħu jibbenefikaw aktar minn rispettivament tnaqqis fil-pajjiżi ġirien u fit-tbaħħir internazzjonali (speċjalment fil-każ tal-gżejjer)<sup>67</sup>.

## 7. KONKLUŻJONI

Dan ir-rapport juri li, jekk il-leġiżlazzjoni kollha adottata sal-2018 twassal il-benefiċċji kollha tagħha u jekk l-Istati Membri jimplementaw il-miżuri mħabbra fl-NAPCPs tagħhom, l-UE kollha kemm hi tikseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja li jikkorrispondu mal-obbligi skont id-Direttiva NEC għall-2030. Għas-sustanzi kollha li jniġġsu minbarra l-ammonijaka, dan jista' jinkiseb ukoll b'ċertu marġini<sup>68</sup>. Madankollu, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri u r-rapport jagħmilha ċara li dan jibqa' prospett imbiegħed, peress li ħafna mill-Istati Membri għad iridu jagħmlu sforz sinifikanti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom għall-2020-29 skont id-Direttiva NEC (għalkemm dawn l-obbligi huma inqas stretti minn dawk tal-2030).

Ir-rapport jagħmel argument sod għall-Istati Membri sabiex ikomplu, jintensifikaw u jwessgħu l-isforzi tagħhom, u biex jimplementaw miżuri biex inaqqsu t-tniġġis tal-arja u l-gassijiet serra b'mod li jkun ta' appoġġ reċiproku; il-prijoritajiet u l-azzjonijiet imħabbra fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-opportunitajiet ipprovduti fil-baġit fit-tul għall-2021-2027 u NextGenerationEU<sup>69</sup> se jgħinu biex iwasslu sinerġiji bħal dawn. Inizjattivi bħall-Mewġa ta' Rinnovazzjoni (Renovation Wave)<sup>70</sup>, standards aktar stretti għall-emissjonijiet ta' sustanzi li

---

<sup>64</sup> B'mod partikolari billi l-pajjiżi involuti fil-proċess tat-tkabbir jitħeġġu jħaffu t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-pajjiżi li ffirmaw ftehimiet mal-UE jallinjaw il-liġijiet tagħhom aktar mill-qrib ma' dawk tal-UE.

<sup>65</sup> UNECE Convention on Long-Range Transport of Air Pollution (<https://www.unece.org/env/lrtap/welcome.html.html>).

<sup>66</sup> Kif emendata fl-2012.

<sup>67</sup> Ir-risultati għall-Istati Membri kollha disponibbli fir-rapport IIASA.

<sup>68</sup> Għall-ammonijaka, il-miżuri tal-NAPCP ikunu biżżejjed biex jinkiseb, għall-UE kollha kemm hi, it-tnaqqis tal-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-impenji tad-Direttiva NEC.

<sup>69</sup> [https://ec.europa.eu/info/strategy/recovery-plan-europe\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/recovery-plan-europe_mt)

<sup>70</sup> [https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-efficiency/energy-efficient-buildings/renovation-wave\\_mt](https://ec.europa.eu/energy/topics/energy-efficiency/energy-efficient-buildings/renovation-wave_mt)

jniġġsu l-arja għall-vetturi<sup>71</sup>, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali<sup>72</sup> u l-azzjonijiet kollha li jikkontribwixxu għal ekonomija newtrali għall-klima u diżakkoppjata mir-riżorsi sal-2050 se jgħinu biex it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja jiġi integrat fis-setturi kollha. Inizjattivi ġodda bħall-Pjan Ewropew biex Jingħeleb il-Kanċer<sup>73</sup> u l-Programm l-UE għas-Saħħa<sup>74</sup> se jipprovdu l-opportunità biex jiġu indirizzati aħjar ir-rabtiet bejn l-ambjent u s-saħħa. L-istrumenti finanzjarji l-ġodda li jappoġġaw lil NextGenerationEU, flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, se jappoġġaw l-isforzi nazzjonali, reġjonali u lokali biex tinkiseb arja aktar nadifa.

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida, li għadha soġġetta għal negozjati interistituzzjonali, se jkollha wkoll rwol kruċjali fl-inċentivar tal-Istati Membri biex inaqqsu t-tniġġis tal-arja fis-settur agrikolu.

L-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura jibqgħu kwistjoni pendenti fil-każijiet kollha analizzati f'dan ir-rapport, u l-miżuri addizzjonali mħabbra mill-Istati Membri fl-NAPCPs tagħhom jeħtieġ li jiġu implimentati mingħajr dewmien biex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet, u jeħtieġ li jiġu introdotti saħansitra aktar miżuri f'ħafna Stati Membri. Aktar minn 90 % tal-emissjonijiet tal-ammonijaka fl-UE jiġu mill-agrikoltura, b'mod partikolari mit-trobbija tal-bhejjem u mill-ħżin u mill-użu ta' fertilizzanti organiċi u inorganiċi. Il-PAK il-ġdida teħtieġ li tagħti sehemha fl-appoġġ u fil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u l-Istati Membri jridu jisfruttaw l-opportunitajiet il-ġodda pprovduti minn, pereżempju, l-iskemi ekoloġiċi proposti fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali u l-oġġettivi strateġiċi proposti (inkluża l-ġestjoni tar-riżorsi naturali bħall-arja u l-ilma). Jenħtieġ li tiġi segwita PAK b'ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi b'saħħithom sabiex jiġu riflessi l-prijoritajiet skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, f'konformità mal-istrateġija "mill-għalqa sal-platt" u mal-istrateġija għall-bijodiversità<sup>75</sup>.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli tgħin lill-Istati Membri billi tiżviluppa aktar gwida u appoġġ tekniku għall-bdiewa u għall-istituzzjonijiet nazzjonali dwar kif jimplementaw miżuri magħrufa sew u kosteffettivi biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja u billi tesplora modi innovattivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-agrikoltura. Dan jenħtieġ li jsir b'mod integrat, filwaqt li jitqies it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, kif ukoll l-impatti klimatiċi, f'konformità ma' dak li se jsir sforz għalih għas-setturi kollha permezz tal-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Madankollu, il-miżuri kollha msemmija hawn fuq mhux se jkun bizzżejjed biex jeliminaw l-effetti kollha tat-tniġġis tal-arja, u se jippersistu l-livelli inkwetanti ta' konċentrazzjoni tat-tniġġis fl-ibliet, kif ukoll theddid relatat mat-tniġġis tal-arja għall-ekosistemi, inklużi dawk protetti. Minkejja li l-livelli ta' konċentrazzjoni tat-tniġġis jistgħu jkun ħafna eqreb tal-valuri tal-Linji Gwida attwali dwar il-Kwalità tal-Arja tal-WHO jekk ikun hemm implimentazzjoni

---

<sup>71</sup> Bħall-Proposta għal standards aktar stretti dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja għall-vetturi b'magni tal-kombustjoni mħabbra fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

<sup>72</sup> Ara l-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu (<https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12306-EU-rules-on-industrial-emissions-revision>).

<sup>73</sup> [https://ec.europa.eu/health/non\\_communicable\\_diseases/cancer\\_mt](https://ec.europa.eu/health/non_communicable_diseases/cancer_mt)

<sup>74</sup> [https://ec.europa.eu/health/funding/eu4health\\_mt](https://ec.europa.eu/health/funding/eu4health_mt)

<sup>75</sup> COM/2020/381

sħiħa tal-politiki miftiehma dwar il-klima u l-enerġija u tal-miżuri għal arja nadifa mħabbrin mill-Istati Membri fl-NAPCPs tagħhom, se jibqa' jkun hemm imwiet prematuri fl-UE minħabba t-tniġġis tal-arja. Peress li saħansitra livelli relattivament baxxi ta' esponiment għat-tniġġis huma ta' ħsara, hemm il-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi fil-livelli kollha biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja. Minbarra t-tisħiħ tal-miżuri domestiċi, hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni internazzjonali u interreġjonali aktar b'saħħitha; b'mod partikolari permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Arja iżda anke lil hinn minnha, inkluż il-promozzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-UNEA dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja fuq livell globali<sup>76</sup>. Dan jenfasizza wkoll il-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' prekursori ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, b'mod partikolari l-metan (il-metan huwa prekursor importanti tal-ożonu troposferiku, li huwa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent). L-istrateġija dwar il-metan ħabbret li r-reviżjoni tad-Direttiva NEC (mistennija sal-2025) se tesplora l-inklużjoni possibbli tal-metan fost is-sustanzi li jniġġsu regolati tagħha.

Din it-Tieni Perspettiva dwar l-Arja Nadifa u l-analiżi ta' appoġġ tagħha jipprovdu elementi għal implimentazzjoni aktar informata tad-Direttiva NEC mill-Istati Membri. Din se tiġi aġġornata madwar sentejn oħra bil-pubblikazzjoni tat-Tielet Perspettiva dwar l-Arja Nadifa, bħala parti mill-attivitajiet usa' għall-ilħuq tal-ambizzjoni ta' tniġġis zero.

---

<sup>76</sup> Ir-Risoluzzjoni 3/8 tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent.